*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

**Il-Ħamis 16 ta' Lulju 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-ufficini tal-Kunsill fis-5.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**26.1** ***Qari t'aplogija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon.

**26.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 25 li saret Nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunjul 2026:***

**26.2.1** **Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 25 li saret Nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2026:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li paġna 5 paragrafu 25.3.11 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Sindku qal illi hawn kumpanija flimkien ma Infrastructure Malta li applikat għal proġett sabiex isiru statwi tal-bronz bi tradizzjonijiet tal-logħob Maltin madwar il l-lokal.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

26.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 25 li saret Nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2026:**

26.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 25.2.2.3 rigward it-tabelli ta fejn huma u x'kienu.

Is-Sindku wieġbu li ma hemmx imniżżel ta xiex.

26.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 25.3.4 rigward il-*crash barrier* ta' Triq iż-Żonqor ma sarietx.

Is-Sindku qal li minflokk ser jsiru bollards.

26.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 25.3.3 rigward fejn qal li kellha issir tabella fejn waqet il-ġebla ħdejn il-batterija tar-Rihama.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dik mill-Puluzija trid issir għaliex jekk isir min-naħa tagħna nkunu responsabli aħna. Huwa kompla jispjega illi l-kosta ma taqax taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba talbet sabiex nibgħatu talba biex isir eżerċizzju ta sorveljanza tal-kosta forsi jekk ikun hemm xi blat li huwa evidenti li huwa ta periklu tkun tista tittieħed azzjoni.

Is-Sindku qal li nibgħatu lil Coastal Office.

26.2.2.3.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mfisud fuq l-istess paragrafu staqsa fuq iz-zebra crossing ta Triq ix-Xatt meta ser tinżebagħ u jerġa jitwaħħal id-dawl.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dak xogħol li qed jsir minn Infrastructure Malta u x-xogħol ser jitkompla wara is-Sajf.

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-bżonn li terġa issir fl-isqar żmien possibbli.

Kien hemm qbil li nibgħatu lis-Sur Steve Ellul, l-Perit Janice Borg u l-Perit David Massa.

26.2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 25.3.9 rigward rigward ġietx irrenġata s-shower ta ħdejn il-latrina ta San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li qed inkun ħafna vandaliżmu fil-latrina

❖ Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlu għal-laqgħa fil-5.10pm

26.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 paragrafu 25.3.14 jekk sarx il-kuntratt tad-dawl min-naħa tar-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil-Kunsilliera illi minn informazzjoni li għaddewlu mir-Reġjun qalulu li l-kuntratt tad-dawl mhux ser joħroġ min-naħa tagħhom għaliex ser jiġi devolut lil Enemalta. Huwa kompla jispjega illi tender jrid joħroġ u sadanittant huwa qal li ser jikteb lil Onor Civelli sabiex ningħataw permess sabiex noħorġu tender aħna fir-rogward tad-dawl għaliex ma nistgħux nibqu bla tender sakemm dan iseħħ.

Is-Sindku qal li għandu jikteb lil Perm Sec is-Sur Emil Vassallo.

26.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 paragrafu 25.3.14 jekk sarx il-sarietx il-laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda.

Is-Sindku qal li it-talba ma sarietx u ser issir.

26.2.2.7 Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet fuq paġna 6 paragrafu 25.4.4 rigward it-tabelli tal-ilbies xieraq fit-toroq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq it-tabelli li hemm Sliema hemm imniżla xi *subsiduary legislation* u tlabna informazzjoni lil Kunsill ta' Ta Sliema dwarha. Huwa kompla jispjega li jrid jgħamel laqgħa mal-Puluzija fuqha sabiex jara kif ser tiġi infurzata

26.2.2.8 Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet fuq paġna 8 paragrafu 25.7.4 rigward l-art vojta fi Triq il-Qrempuċ ma Triq l-Iskal.

Is-Segrtearju Eżekuttiv qal li qed nistennew il-proposta min-naħa tal-Onor Owen Bonnici għaliex wera ix-xewqa li dan il-proġett jsir min-naħa tal-Ministeru.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li qed jaħdmu fuqha.

26.2.2.9 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 6 paragrafu 25.4.1 rigward meta ser jsir it-tapit.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li kellhom jiltaqu mal-kuntrattur Catbros però ma setax u issa ser jgħamlu appuntament biex jiltaqu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-persuna li kellhu jwaħħal ir-*rubber flooring* kien imsiefer.

❖ ***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħal għal-laqgħa fis-6.28pm***

26.2.2.10 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 8 paragrafu 25.9.2 rigward l-ispleeping policeman taql-bidni.

Is-Segrtarju Eżekuttiv qal qed jaħdmu fuqha u ta fejn l-iskola l-aħħar laqgħa qablu sabiex TMlata jindetifikaw post huma però ser inqabdu lil Perit jgħidilna fejn l-aħjar li ssir umbgħad napplikaw.

26.2.2.11 Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet fuq paġna 9 paragrafu 25.9.6 rigward iz-zebra crossing ħdejn l-iskola San Ġwakkin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-aħħar laqgħa qablu sabiex TMalta jindetifikaw post huma però ser inqabdu lil Perit jgħidilna fejn l-aħjar li ssir umbagħad napplikaw.

26.2.2.13 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 9 paragrafu 25.9.3 rigward l-art pubblika ħdejn Villa Sant Anna.

Is-Sindku qal li kien qed jinbena ċint iżda permessi ma kienx hemm u waqfuhom. Huwa kompla jispjega illi permess fuq ir-restawr tal-kamra għandu. Huwa qal li rapport lil Planning Authority daħal.

26.2.2.14 Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford staqsa fuq paġna 3 paragrafu 25.3.3 rigward is-sellum f'San Tumas.

Kien hemm kjarifika illi t-talba għas-slielem qeda biex jekk jaqa xi ħadd l-baħar jkollu minn fejn jitla u mhux għax jindika li huwa permessibli għal għawm

26.2.2.15 Is-Sindku tekellem fuq paġna 2 paragrafu 25.2.2.1 rigward l-*attendance* mal-latrini fejn qal li għal inqas jkollna żewġ *attenance* mal-latrini, waħda San tumas u waħda taħt il-knisja. Huwa kompla jispjega illi jekk nitolbu l-għajnuna finazjarja lil MTA hekk l-Kunsill joħroġ ċirka madwar €8000.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skond il-proċeduri finanzjarji tal-Kunsill, il-Kunsill ma jistax joħroġ iktar minn €5900 vat inkluż bħala direct order.

Id-diskusjoni tkompliet fejn isemma ukoll illi il-Kunsill Lokali ta Marsaskala għandu l-għajnuna tal-Cleansing Department u għaldaqstant għanda nitolbu lil Ministeru għal għajnuna min-naħa tagħhom għaż-żmien tas-Sajf

Kien hemm qbil illi nitolbu lil Cleansing l-għajnunha tagħhom għaż-żmien tas-sajf għaliex il-ħsara li qed isir fuq żewġ latrini ġodda hija inaċċettabli.

26.2.2.16 Is-Sindku tekellem fuq paġna 2 paragrafu 25.2.2.4 talab lil Kunsilliera minn jista jgħin fid-Douzelage

26.2.2.17 Is-Sindku tekellem fuq paġna 2 paragrafu 25.2.2.5 rigwrad il-latrina ta' taħt il-knisja li issa tlestiet minn kollox.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li jkun tajjeb kieku ngħamlu tabella sabiex nuri li ġiet irranġata miċ-Ċerviola Hotel.

Is-Sindku qal li s-sid ma riedx, pero` tajjeb li nibgħatlu ittra ta' ringrazjament.

Kien hemm qbil illi Ġieħ Marsaskala li jmiss jingħata lilhu.

26.2.2.18 Is-Sindku tekellem fuq paġna 2 paragrafu 25.2.2.6 rigwrad l-iskultura miċ-Ċina fejn spjega li kien attendenza tal-Kunsilliera u anke tal-press. Huwa qal illi l-ESS ser jgħamlu spotlight fuq il-gabbana tat-Tiffany's fejn offra sabiex inwaħlu camera fuq arblu fuq il-gabbana.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet ukoll sabiex jsiru xi planters madwar il-monument.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal li hemm QR Code bl'informazzjoni fuq din l-istatwa.

Is-Sindku qal ukoll li ser plakka A4a ta' informazjoni bi tlett lingwi, Malti, Ċiniż u Ingliż.

26.2.2.19 Is-Sindku tekellem fuq paġna 3 paragrafu 25.3.4 rigward it-trench tal-Enemalta fejn qal illi t-trikna taż-Żonqor għalissa ma jista jatiha t-tarmak. Huwa kompla jispjega illi llum tkellem mal-Perit Beppe Piscopo fuq it-trench ta' Bella Vista fejn qal li ser issir trinks u toqbda kbira minn quddiem il-Grand China sa Triq l-Iskal u traffiku jgħaddi minn wara. Huwa kompla jispjega li l-Perit spjegalu li Marsaskala hija waħda mill-iktar lokalitajiet bi problema bil-qtugħ tal-eletrikku u jekk ma jsirx dan ix-xogħol ser inkomplu inbgħatu bil-qtugħ tal-elettriku.

26.2.2.20 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 25.3.9 fejn qal illi l-handover kemm tal-promenade u kemm tal-fajtata ġie iffirmar u qal ukoll illi l-ispejjeż involuti fil-latrina ta San Tumas ser niġu rifużi tagħhom ukoll.

26.2.2.21 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 25.3.13 fejn reġa qal li ser jsir fit-23 ta' Awissu u jibda minn ħdejn il-pixxina din id-darba lejn ix-xatt u jibgħqu sejrin il-barra.

26.2.2.22 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 25.3.14 fejn qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Gilford ser jkun il-Kunsillier responsabli mid-dawl minflokk il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

26.2.2.23 Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 25.4.2 fejn informa lil-Kunsilliera illi l-lift ta' ħdejn l-għassa beda jopera.

26.2.2.24 Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford staqsa fuq paġna 9 paragrafu 25.9.5 rigward l-isleeping policeman tal-Bajja San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed naħdmu fuqha.

26.3 ***Kommunikazzjoni mis-Sindku:***

26.3.1 **Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill 31/7/26:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li trid issir laqgħa b'urġenza sabiex naġġudikaw it-*tender tal-accomodation* tad-Douzelage.

Kien hemm qbil li issir nhar il-31 ta' Lulju 2026 fil-5.00 b'zomm meeting.

26.3.2 **Disposal of fixed assets EGV107:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm dan il-van diġà konna għaddejnih mill-Kunsill u sar il-bejgħ tiegħu irridu ngħaddu bħala disposal tal-fixed asset.

Kien hemm qbil dwar dan.

26.3.3 **Bajja San Tumas Keep Clear:**

Is-Sindku qal illi is-Sur Anglu Farrugia tkellem ma Infrastructure Malta għaliex dan għandu żiemel kbir biex itella dagħajjes kbar u ma jkollux fejn idur minħabba l-karozzi ipparkjati faċċata tal-moll il-kbir ġewwa l-Bajja San Tumas. Huwa kompla jispjega li dan qed jitlob parkeġġ ta *keep clear* ta 12 il-metru b'20 metru.

Kien hemm diskussjoni għaliex din it-talba hija fuq parkeġġ kbir u ser jitneħħew ħafna parkeġġi u ser tintuża f'każ ta emerġenza.

Kien hemm qbil li ma naċċettawx din il-propsota.

26.3.4 **Sqaqin Bajja San Tumas**

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi fl-isqaq ta qabel iz-Zion se titwaħħal tabella li l-isqaq huwa privat u staqsiet jekk dan hux minnu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li hemmek privat.

Kien hemm qbil li nitolbu informazzjoni lil Lands sabiex jindikiwalna l-isqaqien li huwa tal-Lands u l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba tgħin f'dan.

26.3.5 **Kunċert tal-Puluzija:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-Kunċert sar il-Ħadd li għadda u anke tajnijhom xi refreshments.

26.3.6 **Douzelage:**

Is-Sindku qal li kellhu diversi laqgħat mal-persuni li qed jaħdmu fi ħdan l-AGM ta din is-sena kif ukoll mal-Girl Guides.

26.3.7 **Sadd tas-Showers:**

Is-Sindku qal li kellhu laqgħa mas-Ceo is-Sur Steve Ellul ta' Infrastructure Malta rigward is-sadd tas-showers

26.3.8 **Xogħol Komunitarju:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi l-Kappillan iltaqgħa mas-Sindku rigward xogħol komunitarju fil-lokal u billi hija għamlet kemm il-darba dan it-tip ta' xogħol volontarju ser tkune qed taħdem mal-Kappillan sabiex tgħati is-ervizz tagħha.

26.3.9 **Programm Televisiv:**

Is-Sindku qal illi illum irċevejna komunikat mir-Reġjun fuq dan il-programmm fejn qed jitolbu jekk hemmx xi nies li jgħamlu xogħol ta crafts. Huwa talab lil Kunsilliera ili jekk ikunu jafu b'xi niex jgħaddu l-informazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet sabiex intellgħu facebook post.

26.3.10 **Kors tal-AI:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk hux ser jsir dan il-kors

Is-Sindku qal li dan il-kors qed isir min-naħa tal-Kappillan.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal li hu jista jgħamlu ukoll.

26.3.11 **Laqgħa mal-Ombudsman:**

Is-Sindku qal illi kellhu laqgħa mal-Ombudsman peress li kien hemm pillar tal-enemalta u daħluħ ġewwa parapet privat fi Triq l-Għassies Lay Lay Complex u qalu li kien hu li qallhom sabiex jgħamlu hemm. Huwa qal li dan ma kienx minnhu u spjega kollox fil-laqgħa li kellhu mal-Ombudsman.

26.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:**

26.4.1 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Jesmond Abela (Nru 13):**

Fhiex wasal it-*traffic management* ta' Bella Vista?

Kien hemm qbil li nerġu nibgħatu lis-Sur Michael Cohen

26.4.2 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Jesmond Abela (Nru 14):**

Jekk il-kunsill hux jagħmel xi ħaġa fuq ir-riħa li tinxtamm ġewwa Marsaskala u li r-residenti qed jilmentaw dwarha.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex meta jkun hemm ilment fuq ir-riħa jgħadduh lil Customer Care sabiex huma jgħadduh lil Profs Buhagair u jkun jista jqajjima waqt il-laqgħa li jkollu ma l-ERA

Id-diskussjoni tkompliet li r-riħa li qed jkun hemm huwa waqt it-trasport tal-ħmieġ tal-annimali mill-irziezet għal impjant.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li hija taħseb illi minħabba l-bini li qed jsir mhux qed ilaħħaq id-drenaġġ u għaldaqstant qed irewwaħ ukoll.

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li hija tal-opinjoni li għanda issir laqgħa mal-Ministru Anton Refalo.

Id-diskussjoni tkompliet li l-problema ġejja mill-operaturi tal-irziziezet għaliex qed inħalluh ħafna biex jiddisponu minnhu b'konsegwenza li umbgħad jkun jintenn ħafna.

Kien hemm qbil li niktbu lil Onor Anton Refalo responsabli mill-agrikoltura u l-Perm Secretary.

26.4.3 **<u>Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Jesmond Abela (Nru 15):</u>**

Jekk il-bus shelters ta' ħdejn il-banka tal-lottu, faċċata ta' Corner View in- naħa tal-Mużew tal-bniet u l-bus shelter li kien hemm faċċata tal-Lemon and Lime, li nqalgħu minħabba l-proġett hux se jergghu jitwaħħlu u meta.

Is-Segretarju Eżekuttiv informal il Kunsilliera illi kienet saret applikazzjoni sabiex il-bus shelter ta Pjazza Dun Tarcis Aguis kif ukoll ta faċċata tal-Lemon n Lime sabiex jitneħħa u jerġa jitpoġġa u hemm pagamenti ta madwar €3000 x' jitħallas. Fir-rigward il-bus shelter ta wara il-Corner view dak tal-ħadid u mhux tal-Faces u kienu qalawh Infrastrucure Malta pero iddetorja f'idejhom u ser jgħamlu wieħed ġdid. Huwa qal ukoll illi l-bus shelter ta' ħdejn il-bank tal-lottu trid issirlu l-base.

Kien hemm qbil lil nibgħatu lil Infrastructure Malta u Faces Consultants.

26.4.4 **<u>Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sinjorina Celine Camilleri (Nru 16):</u>**

X'kienet ir-raġuni li tneħħa l-bus stop 'Dun Tarċis' mill-qalba tal-pjazza ta' Marsaskala. Ser jerġa' jiġi introdott? U se jerġa' jkun hemm bus shelter?

Din il-mistoqsija hija l-istess bħal mistoqsija nru 15

26.5 ***<u>Rapporti:</u>***

26.5.1 **<u>Rapport ta' kull kwart 1 (Jannar sa Marzu 2026)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega dan ir-rapport.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ipproponiet l-approvazzjoni ta dan ir-rapport u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

26.6 ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Ma kienx hemm items oħra

26.7 ***<u>Korrispondenza:</u>***

26.7.1 **<u>Updates regarding Performance Bonus (35/2016/26/):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm tibdil fil-performance bonus tagħhom li minflokk 5% issa ser jiġi 10 %. Huwa kompla jgħid illi hemm 5 ħaddiem u l-istess nagħtu lil ħaddiem tal-RSS Ltd.

Kien hemm diskussjoni fost il-Kunsilliera fejn qalu li minn ċertu ħaddiema jistennew sforz aħjar fix-xogħol tagħhom.

26.7.2 **<u>Prim Awla tal-Qorti Civili inċident Triq il-Kappara (35/2023/26/):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan huwa każ li ma nafux bih u l-Avukat tagħna talab għad-dokumenti kollha neċessarji.

26.7.3 **<u>Elezzjoni Każwali Kunsill Lokali ta' Marsaskala (35/2075/26/):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Jemsond Abela qal li qieg]ed fil-proċess li jiġi magħżul.

26.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 26:</u>***

26.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' pagamenti li daħlu b'urġenza.

a) Apocpay inv 33441 li tammonta għal €212.40
b) Koperattiva Tabelli u Sinjali inv no 33685 tammonta għal €472.00
c) Koperattiva Tabelli u Sinjali inv no 33664 tammonta għal €849.60
d) Koperattiva Tabelli u Sinjali inv no 33659 tammonta għal €849.60
e) Ms Doreen Mintoff inv no 260-025 li tammonta għal €1050.20

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

26.9 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

26.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjorina Celina Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (Nru 067 – 14/7/26):</u>**

*Qed nibgħat mozzjoni sabiex fir rotta 191 ikun miżjud il-bustop 'Bellavista' għaliex għandna diversi ħaddiema / nies b'diżabilità li jiffrekwentaw l-Inspire imma tal-linja tibqa' għaddejja minn hemm.*

Kien hemm qbil li niċċekjaw li jieqaf quddiem il-bus stop tal-inspire u nikkuminikaw mas-Sur Ivan Pierre Vella u nitolbu updated list.

26.9.2 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjorina Celina Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (Nru 068 – 14/7/26):</u>**

*Qed nibgħat mozzjoni sabiex bħal ma jsir f'lokalitajiet oħra, l-attendants gewwa l-latrini pubbliċi jkunu iridu jiffirmaw kull meta imur u jnaddaf l-latrina. L-attendant jista' jiffirma biss wara li jkun sar x-xogħol. Dan irid jigi monitored mill-contracts manager. Il-kunsill għandu jistabbilixxi kemm il darba l-attendant għandu jattendi.*

Din ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa pero saħqet l-importanza li dawn in-notice boards tal-attendenza jitwaħlu.

26.9.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjorina Celina Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela (Nru 069 – 14/7/26):</u>**

*Qed ikolli ħafna residenti li jilmentaw fuq r-riħa tinten ta' dranaġġ li jkollna ta spiss ġewwa Marsaskala. Nitlob li nkellmu lil awtoritajiet sabiex jistabbilixxu minn fejn ġejja r-riħa u nsibu miżuri kif innaqsuha.*

Din ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa.

26.9.4 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sinjorina Celine Camilleri u ssekondata mill-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud (Nru 070 – 14/7/26):</u>**

Nissuġġerixxi li għal perjodu tas-sajf darba fil-ġimgħa jitnaddaf il-promenade ġdida bil-power washer.

Is-Sindku qal Cleansinf Department jiġu bil-bowzer darba fil-ġimgħa u ħalkemm aħna bħala Kunsill għanda power wash ma għandiex minn jgħamila.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li pero mhux kuntenta bil-ħmieġ li qed jiżamm fuq il-promenade

26.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 20 ta' Awwissu 2026 fil-5.00pm.

Ikkonfermat illum 16 ta' Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ___________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |